# IL HABIB

Joħroġ cull nhar ta tlieta, barra mil gimgħa il Cbira u il gimgħa ta Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Għaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistgħu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu għall'inkas bis sitt xhur fuk. Min ma javżax xahar kabel tagħlaklu is-sena, jirtabat għal oħra. Ebda chitba li tasal f'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta tagħlim, ta aħbarijet u ta mogħdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal kalb.*

Proprietarju: il *Cumitat tal Għakda tal Appostulat tat Talb*, li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, għall gid tal Maltin.

Direttur: is Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)

Amministratur: is Sur Anġ Galea (str. Brittanica, numru 53).

Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

IT-TIENI SENA. IT-TLIETA, IS-16 TA SETTEMBRU, 1913. NRU. 82.


*Inbiercu b'kalbna collha il ĦABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, għax nistenneŭ minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*

† P. ARCISKOF U ISKOF.

## IT-TIFCHIRA TAT-8 TA SETTEMBRU FIĊ-CIRCLU TAL UNJONI CATTOLICA.

Chif kâl u fisser bil ħila cbira tiegħu il Commendatur Ninu Lanzun, bħala President tas-seŭ ħabriechi tal *Unjoni Cattolica*, fit-Taħdita li biha fetaħ il festa ta nhar is-sibt (is-6 ta Settembru, fis-sebgħa ta fil għaxija), iċ-*Circlu ta San Gjusepp* chien dmir tiegħu li jigbor l'Imsieħbin, biex magħkudin mal Cumitat u ma Sinjuri oħra, li riedu igħinuhom f'ħaġa hecc għażiża, ifaccru u ibiercu dic ir-*Rebħa cbira* li semmgħet u bakgħet issemmi l'isem ta Malta mad-dinja collha chif iddur. Għax iċ-*Circlu tal Unjoni Cattolica* ma jistax iŭettak u idaŭŭal l'Imsieħbin tiegħu fil kima t'Alla *(Religjon)* u fit-tagħlim xierak ta cull-ma illum trodd id-dinja *(Civiltà)*, jecc f'li stess ŭakt ma inisselx fihom gibda ħajja għal cull gid u għal cull gieħ tal art tagħna *(Patrijottiżmu)!*

Il għajnuna fil mard, fil kagħad, fil curriment fuk ix-xogħol u saħansitra ŭakt u ŭara il meŭt; chif ucoll it-tagħlim tad-*dutrina*, tal *lingŭi*, ta li *storja*, tal *aritmetca* u tal *geografija*; f'chelma ŭaħda, ir-rifda kaŭŭija li jati iċ-*Circlu* tagħna f'cull bżonn tar-ruħ u tal gisem, bix-*Xirca tal għajnuna lil xulxin bejn il ħaddiema*, bil *Caxxa tat-tifdil*, b'li *Schejjel ta bil lejl*, bil *Cunferenzi* ta cull xorta, bil *kari ta din il gażetta* u b'tant *kari tajjeb* ieħor; flimchien mal *mogħdija taż-żmien*, tajjba għall moħħ u għall kalb, biċ-*Cinematografu*, bit-*Teatrin*, bil *Mandolinistica*, bil *Biljard* u x'naf jen; dan collu, irridu ngħidu, ifisser *Religjon*, *Civiltà* u *Patrijottiżmu*: u *Xirca ta Maltin* li tfittex dan ma tistax ma tfaccarx bil gieħ u bil foħrija ir-*Rebħa tat-8 ta Settembru*, li, ŭara dic tal *Migja ta San Paŭl*, hi l'akŭa pâġna ta li *Storja tagħna......*

Anzi, iċ-*Circlu San Gjusepp* għamilha darbtejn il festa tat-*Tifchira tat-8 ta Settembru*: nhar is-sibt fil għaxija, għall'Imsieħbin ħaddiema u tas-snajja, bil ħbieb taħħom, li daħlu collha *b'xejn*; u nhar il ħadd fil għodu, għall'Imsieħbin *protetturi* (fosthom, kuddiem nett, l'acbar *Sieħeb taċ-Circlu*, Monsinjur Arci-Iskof ta Malta) u għal ħafna mistiednin mill'akŭa cbarat tagħna, tal Cleru u Seculari.

Taraŭ li m'hux rieked il Cumitat tal *Unjoni Cattolica!* U ma jistax jorkod mita il *Membri-Ufficjali* tiegħu igibu l'isem tal Commendatur Ninu Lanzun, ta Monsinjur Dun Paŭl Galea, tas-Sur Walter Agius, tal Avucat Nericu Frendu, flimchien ma ħafna persuni oħra, Monsinjuri u Seculari, li tas-seŭ iħobbu il Pajjiżhom u il Poplu tiegħu, għax, bla ma jidhru u bla ma jitħallsu ta xogħolhom, jaħdmu għalihom bil kalb u bid-dehen. Insemmu tnejn biss: is-Sacerdot Dun Frangisc Vella u il Benestant Anġlu Galea, li, minn fil għodu sa fil għaxija, isusu fl'amministrazzjoni tal *Caxxa tat-tifdil* u tal *Habib*, mingħajr inkas ħadd ma igħidilhom *grazzi!*

Imma niekfu kaŭn, għax inchella ma nispiċċaŭ katt b'din li storja; u ngħidu biss chelmtejn fuk il festa ta nhar is-sibt fil għaxija.

Ŭara it-*Taħdita* sabiħa tal President, li saret bil Malti (għad li hu bdiha b'erba' chelmiet bit-Taljan, biex jifraħ u jirringrazzja lill Professur Baxetta, li għallem B'XEJN il *Mandolinistica tal Unjoni* u żanżanha dic il lejla, fejn chellha applaŭsi cbar, għax dakket tas-seŭ tajjeb nett), bdiet il *Cunferenza*, bil Malti ucoll, li gibdet ma dŭar nofs siegħa u għoġbot ferm. Għamilha is-Sur Ġann Mifsud-Bonici, P. P., mistieden mil Cumitat; u għaraf jinseġ fil kasir li *Storja ta Malta*, mindu missirijetna chienu għadhom jaduraŭ l'allat foloz sa mita kabtu għalina it-Toroc, dejjem bil ġranet imkaddsa tal *10 ta frar* u tat-*8 ta settembru* f'fommu; biex, imbagħd, bida ifaccar l'ismijet u il ħeġġa ta daŭc collha li issemmeŭ fir-*Rebħa tagħna* u spiċċa b'tislima lill *Toni Bajjada*, li, jecc ma kankletx il għadmu fil kabar, chif xtiek is-Sur Mifsud-Bonici, kanklet sgur il klub collha ta daŭc li semgħuha!

Malli hu spiċċa u sichet l'applaŭs cbir li chellu, id-Direttur tal *Habib*, kuddiem daŭc in-nies collha, għamillu taħdita ċchejcna, fejn, ŭara li faccar fil *Concors ta poeżija għall Milied*, li sar f'dicembru li għadda, miftuħ fil *Habib* mil Cumitat tal *Unjoni*, u fisser mill'aħjar li sata' x'in hu il *Concors*, u għal-fejn isiru il *Concorsi* ta cull xorta mad-dinja collha, u chif isiru, u x'in huma cull-imchien ir-Regulamenti taħħom, ŭira b'chemm rekka u scrupli sar il *Concors* mirbuħ mis-Sur Mifsud-Bonici, li gira ma disgħa oħra. Imbagħd, ŭara tifħira lir-*Rebbieħ*, ħabbar li, f'kasir żmien, jinfetaħ *Concors* ieħor; u ŭiddeb lill *Concorrenti* li ma għandhom igħidu katt li huma *icconcorreŭ*, chif jafu jagħmlu tant barra minn Malta, għax jecc ma jitchellmux huma, ħadd, ħadd u ħadd, bħalma jidher mir-*Regulamenti* (li min hu onest mhux sejjer jicsirhom!), ma icun jaf min *icconcorra*. Difatti, li Mħallfin jifthu biss l'ittra fejn icun magħluk l'isem tal poeżija rebbieħa, ŭara li diġà icunu ħarku, kuddiem żeŭġ xhieda, l'ittri l'oħra collha *issigillati*; u min jibża' li jinchixef għax xi ŭieħed mil li Mħallfin għandu mnejn jagħraf il carattru tal poeżija, jista' jeŭ jisserva bil carattru ta xi ħadd ieħor li jafda fiħ jeŭ jictibha mill'eŭŭel bil mâgna (*Type writer*). Fl'aħħar nett, id-Direttur tal *Habib* tà lis-Sur Mifsud-Bonici id-*Diploma* (*Certificat* bil Malti tar-rebħa tiegħu, IFFIRMAT mil Professur Dun Carm Psaila u mis-Sur Albertu Ce-

sareo, bħala Mħallfin; mis-Sur G. Muscat-Azzopardi, bħala Direttur tal *Habib*; u mil Commendatur Ninu Lanzun, bħala President tal *Unjoni Cattolica*). Iċ-*Certificat*, li fiħ ucoll il BOLL tal *Unjoni Cattolica*, jispiċċa b'daŭn il chelmiet: «Lîlec, mela, Sur Mifsud-Bonici, it-tifħir u il ferħ tagħna 'lcoll.»

Iċ-*Certificat* giè maħdum mis-Sur Ŭenzu Muscat fuk *pergamena illuminata*, bil coluri tal bandiera ta Malta u bl'arma tal *Unjoni*: xogħol li ħakku jokgħod gimgħa f'vetrina, biex jaraħ cull-ħadd. Trid tcun taf chemm jinkala' u chemm hu imsemmi għal daŭn ix-xogħlijet tar-rekka u il pacenzja, biex temmen li is-Sur Ŭenzu Muscat ħadmu fi tliet ti jem.

Ŭara din it-tieni festa—il festa tal *Moħħ* u tal *Pinna*, li għakdet mal oħra tal *Fidi*, tal *Patrja* u taċ-*Civiltà*—id-*Dilettanti tal Unjoni* irrecitaŭ tajjeb ħafna *Dramm* sabiħ fuk l'*Assedju il cbir ta Malta*; u hecc, kalb il ferħ u il hena ta cull-ħadd, għaddiet il lejla, li ma tintisiex malajr, tas-sitta ta settembru—lejliet it-*Tifchira* tal icbar festa ta Malta.

## Il Pregiudizzi contra il Kassisin.

*(Jissocta mal għadd 80).*

It-tieni Pregiudizzju. Il kassisin injuranti u xħaħ. Il kassisin huma injuranti: dina il chelma hi ŭisk fil ħalk: biex ŭieħed jara jecc hi vera jeŭ falza għandcom tifluha. Għiduli, immela, f'hiex, f'liema scienza il kassisin huma injuranti?...Huma injuranti fil ħŭejjeġ tar-religjon? Ngħidilcom li intom kiegħdin tgħidu ħaġa b'oħra Kabel saru kassisin tgħallmu il ħŭejjeġ tar-religjon għal ħames snin, taŭ taħħom eżamijiet kaŭŭija: mita saru Sacerdoti bakgħu jistudjaŭhom sabiex igħallmuhom lill ġoventù bil catechiżmu, biex jippriedicaŭhom lill cbâr fuk il pulpiti, biex japplicaŭhom lill cunxenza fit-tribunal tal penitenza tal krar: u b'liema dritt intom issejjħulhom injuranti? B'dac li tekalgħu chemm klajja tridu fuk il kassisin. Jecc, imbgħad, tgħiduli li il kassisin huma injuranti fil ħŭejjeġ profani, per eżempju fil cummerċ, fis-snajja, fil medicina, fil ligi, fil matematica, fl'astronomija, fil geografija, inŭiegibcom xi uħud huma talin, iżda xi uħud le, u nista' ingibilcom l'isem ta bosta kassisin li ħadu l'eŭŭel postijet f'nofs il għorrief ta cull gens u is-società minnhom tagħraf bxarijet gŭappi għall għorrief. Daŭc collha li jistgħu jissejħu injuranti fil ħŭejjeġ profani, għandi ngħid li din l'injuranza ma tista' tagħmlilhom ebda għajb. L'avucati injuranti fil medicina u it-tobba injuranti fil lîgi; tas-snajja injuranti fix-xogħol tar-raba u il bdieŭa injuranti fis-snajja; ħadd għaldakstant ma isejjaħ injurant lit-tabib għaliex ma jafx il ligi u inkas ma isejjaħ injurant l'avucat għaliex ma jafx il medicina. Għaliex, immela, jissejjħu injuranti il kassisin li ma jafux ix-xienzi profani? Min jaf ix-xenza meħtieġa għall li stat tiegħu, jaf biż-żejjed biex ma icunx imsejjaħ injurant: iżda il kassis jaf il ħŭejjeġ tar-religjon, li jagħmlu l'oggett tal ministeru tiegħu: ħadd, immela, ma jista' isejjaħlu injurant mingħajr ma isir ħati ta mala fama.

It-tieni parti ta dan il pregiudizzju tgħid li il kassisin huma xħaħ. Din il mala fama gejja jeŭ minn fehma falza jeŭ minn esagerazzjoni (ħaġa imcabbra) fid-dieher. Nispiega ruħi. Id-dinja mdorrija tindaħal ŭisk fil kliegħ tal kassisin, u b'xi môd tcabbar id-dħul mingħajr ma tati cont tal ħruġ. Id-dinja taħseb li il kassisin għandhom koffa flus, u għalhecc bosta iridu ŭisk minnhom. Daŭn il pretenzjonijet ma jiġux soddisfatti, għaliex m'hemmx il flus li ŭieħed chien jaħseb, u għalhecc tinbet il mala fama li il kassisin huma xħaħ. Dina il calunnja (*fama ghiddieba*) gejja ucoll mill'esagerazzjoni li tidher ċar. Li xi kassis hu, forsi, tas-seŭ xħiħ, jena ma niċħadx; u ħadd ma għandu jistgħageb, għaliex jecc fost tnax l'Appostlu, magħżula minn Gesù Cristu stess, chien hemm Ġuda li Scarjot, li chellu kalbu miġbuda lejn il flus, xejn ma hu għageb jecc mir-razza tiegħu baka' cull-tant jinbet ŭieħed fil bgħid! Imma, billi xi kassis hu ftit jeŭ ŭisk xħiħ, ħadd ma jista' igħid li huma ilcoll xħaħ, chif tgħid id-dinja. Jecc għax ŭieħed hu ħażin, aħna ngħidu li sħabu collha huma ħżiena, in-nies collha tad-dinja huma ħżiena: għaliex ma tinsabx fid-dinja classi ta persuni li fiha m'hemmx xi uħud li jonksu xi nitfa mid-dmir taħħom. Ħudu innies tal cull ġens, daŭc per eżempiu tat-tobba, tal avucati, tas-snajja u tar-raba ...u intom issibu f'daŭn collha xi uħud li huma veri briccuni, min għal ħaġa, min għal oħra: imma ħadd minn dan il fatt ma jista' igħid li it-tobba collha, l'avucati collha, il ħaddiema collha, il bdieŭa collha huma briccuni. U għaliex, immela, mil fatt li xi uħud mil kassisin huma forsi xħaħ, għandna ngħidu li collha huma xħaħ? Dina l'esagerazzjoni fiha mala fama. Il kassisin, imbgħad, m'humiex collha xħaħ, iżda, biex igħinu il fkar f'għamil tajjeb, huma jonfku flushom, chif nafu tajjeb. Osservaŭ it-tallab fit-triek: hu iħalli igħaddu bosta nies minn kuddiemu mingħajr ma jitlobhom xi ħaġa: iżda ma iħallix igħaddi il kassis. U għaliex dana? Għaliex jaf li il kassis jagħmel il carità.

U, infatti, haŭn Malta għandna tliet Istituti tal carità. Id-*Dar ta San Gjusepp*, li Direttur taħħa hu Dun Ġorġ Bugeja: dac li chellu m'hux tiegħu, li kala' m'hux għaliħ, collox għal daŭc it-tfal. Il *Conservatorju Adelaide Cini*, tal Ħamrun, li Dun G. B. Spadaro ilu is-snin il cbar iħabrec għaliħ (bħalma ħâdem u tħâbat għal Istituti oħrajn). L'*Istitut ta Fra Diegu*, immexxi mil Canôncu Monsinjur Dun Gjusepp Depiro, magħruf minn cull ħadd, Sacerdot li jagħmel Carità biż-żejjed. Ŭieħed kassis, li jixtiek il gîd tal erŭieħ, reħa f'idejn is-Sur Alfonsu Galea elf lira minn tiegħu, biex bihom tala' dac il bini gdîd li taraŭ fid-Dar ta San Gjusepp. Istaksu jecc għandhomx kassisin benefatturi cbâr lis-Sorijet tad-Dar tal fkar tal Ħamrun: istaksu lis-Sorijiet tal Bon Pastur ta ħal Balzan chellhomx u għandhomx kassisin benefatturi taħħom.

Min ŭakkaf haŭn Malta il Congregazjoni tal Orsulini ta Sant'Angla Merici u fetaħ l'eŭŭel Istitut taħħom tal Belt? Monsinjur Dun Sidor Formosa. Kassis! Min fetħilhom dar oħra li Msida u min bnielhom? Monsinjur Formosa. Oħ! chemm huma xħaħ il kassisin. Il min insemmu fost daŭc li riedu b'ŭerriet taħħom li Sptâr ta Saŭra? Il Dun Gjusepp Marcu Azopardi, Cappillan ta ħaż-Żebbuġ, li ħalla ir-renti tiegħu għall kassisin il morda l'icunu iridu jingabru hemm, bħalma ŭieħed jista' jara fl'Attijet tan-Nutar Nazju Saver Bonavita tal 5 ta April 1762, u f'daŭc tal Curja tal Iskof tas-27 ta Marzu 1765. Kassis ieħor! Min tà somom cbar ta flûs biex tinbina il Cnisja tal Parroċċa ta li Msida u tal Mellieħa? Monsinjur Dun Frangisc Falzon, li jinsab midfun fil Cnisja ta li Msida. Kassis ieħor! Min ŭakkaf id-Dar tas-Snajja (Għaŭdex, ix-Xagħra)? Dun Gjusepp Diacono, fis-sena 1891, li dic il ħabta (u sal 1908) chien Arcipriet ta dac ir-raħal. Kassis ieħor! Min ta' ir-raba lis-*Sorijet il Blù* biex imbniet id-dar *Casa Leone XIII*, f'San Giljan? Monsinjur Debono Cassia. Kassis ieħor!

U Monsinjur Dun Enricu Carŭana Gatto, li għamel minn butu li Statŭa tar-rħam ta San Publju fil Catidral u iffonda il kuddies tal gimgħat fil Parroċċa ta ħ'Attard, min jaf chemm mijet ta liri tà carità minn butu?.... Kassis ieħor! U Dun Ŭiġ Galea chemm flus nefak minn tiegħu fil cotba li chien jicteb hu stess u ikassamhom bil ħbub lill Poplu, chemm ilbiesi tà b'xejn lit-tfal fokra, chem kassam carità fil Missjoni iż-żgħira li chien iħabrec tant għaliha?... Kassis ieħor!

Xħaħ tas-seŭ il kassisin! Minn f'lôc, immela, li tatu mala fama lill kassisin, billi issejjħulhom xħaħ, ibdeŭ biex ma tcabbrux il klieħ taħħom u ma tatux cont ta xi ŭieħed fil bgħid li forsi tnissel minn Ġuda. Iftacru dejjem li jecc haŭn Malta għandna kassisin għônja, daŭna chif rajtu jagħmlu użu tajjeb b'gidhom; u iftacru li għandna ucoll kassisin fkar, li ma għandhomx biex igħixu.

*(Jissocta)* DUN PIER BATTISTA AGIUS
*Cappillan ta ħ'Attard.*

## Li Storja tal Papiet.

IV.

### San Clement I.

Dâm Papa 10 snin, xahrejn u 10 ti jem.
Sâr fis-sena 90, miet fis-sena 100

Ir-raba Papa li chellha il Cnisja ta Gesù Cristu chien il cbir San Clement. Dan il Papa tŭieled f'Ruma minn Faŭstinu u Matilda. Giè mgħammed minn San Pietru u minnu ucoll giè ordnat sacerdot u imbgħad iskof u sieħbu miegħu fix-xogħol tal Cnisja. Chien ucoll sieħeb San Paŭl fil ħedma tal Appostolat u għall kdusija li chellu f'ŭaħda mill'ittri li chiteb San Paŭl lin-nies ta Filippi imur igħoddu ma daŭc li għandhom isimhom mictub fil ctieb tal ħajja. Il għamîl ta dan il Papa chien magħruf biż-żejjed minn fejn titla sa fejn tgħib ix-xemx, meta beda iriegi il Cnisja ta Gesù Cristu.

Dment li chien Papa San Clement, ħakar ŭisk l'insara l'imperatur Domizjanu li Tertulianu imur isejjaħlu biċċa minn Neruni. L'Orosio kâl li Domizjanu ma chellux xeŭka oħra għajr li jara il Cnisja ta Gesù Cristu mekruda minn cullimchien. F'daŭn iż-żmienijet ġara li San Ġŭann l'Evangelista, il maħbub ta Gesù, giè mixħut f'inħasa ta żejt jagħli, mnejn ħareġ ictar sbejjaħ u f'saħħtu minn kabel: ŭara dan giè itturrufnat f'Patmos, fejn chellu daŭc il viżjonijet li hu ħallielna mictuba fl'Apocalissi.

Kalb tant taħbit li chellu dan il Papa ma tûl il ħacma tal Cnisja għaraf dejjem żamm ruħu cbir tant fil għerf chif ucoll fil kdusija, tant li deher għageb anche kuddiem l'egħdeŭŭa tiegħu.

Hu żamm bla mtiesef it-tŭemmin ta Gesù Cristu u iddefendiħ mit-tagħlim karrieki tal Ebioniti u tad-Doceti. Id-dinja tinsab ŭisk midjena ma dan il Papa. Hu chien, difatti, li mar jagħmel xi Nutari li jieħdu ħsieb jirregistraŭ il għamil, il martirju u il virtù tal martri. Hu chien li mâr igħid chif għandhom jilbsu is-Sacerdoti meta jersku lejn l'artal biex ikaddsu. Hu chien li tà ordni biex fil kuddiesa isiru daŭc iċ-ceremonji li fiha. San Clement I. bagħât missjonarii biex jippredicaŭ fi Franza u fi Spanja. Imkankal xi ftit tal inquiet fil Cnisja ta Corinto, għalchemm chien għadu ħaj San Ġŭann l'Evangelista, għandu irricorreŭ daŭc in-nies biex jidħol għalihom bl'aŭtorità tiegħu ta

Papa. Hu chitbilhom ittra u fiha ŭira bicċar li l'erŭieħ mil Papa biss li hu il Vigarju ta Gesù Cristu għandhom icunu immexxija.

Mimli b'zelu imkaddes, dan il Papa chiteb bosta u it-tagħlim tiegħu chien minn cullħadd miżmum bħala ħaġa mibgħuta mn'Alla. Meħlus b'miraclu mil killa ta Domizjanu, jingħad li giè itturrufnat fil Chersonesu. Hemm għamel miracli u icconverta bosta nies. B'ordni tal imperatur, giè mixħut il baħar, b'ancra f'għonku. L'insara ġabru il gismu u difnuħ chif chien jixraklu. Xi secoli ŭara, il fdal ta gismu giè meħud Ruma, ŭakt li chien Papa Nicola I. u imkiegħed fil Cnisja li tinsab dedicata lilu. Hu cert li San Clement I miet martri u li il fdal ta gismu chien dejjem ivvenerat b'kima cbira mil verġni, mil martri, mil confessuri u mil Papiet ta urajħ. Natuħ aħna ucoll l'unuri li jistħokkulu u minnu nitgħallmu niddefendu dejjem il Cnisja ta Gesù Cristu.

CAPP. A. BONANNO.

## Id-"Dante Alighieri."

Fil *Habib* tat-12 t'aŭissu li għadda (araŭ l'eŭŭel fergħa tal articlu *Ma dŭarna,* f'dic il ħarġa ) conna ctibna:

" L'ittra tas-Sur Manŭel Borġ, imŭegħda il gimgħa l'oħra, chienet maħduma u lesta għall mâgna, mita giena f' idejna il *Corriere di Sicilia* tal 31 ta lulju li għadda, fejn ŭieħed ħabib tagħna ġagħalna nakraŭ articlu tŭil fuk il Mażŭnerija, li fiħ huma imsemmija ucoll id-*Dante Alighieri*, il *Corda Fratres* u xriechi oħra tal katgħa taħħom;u iddecidejna li fuk id-*Dante Alighieri* ma nħallux min jicteb fil *Habib* iżjed........ ...............Jecc is-Sur Borġ icun irid jara dac l'articlu tal *Corriere di Sicilia,* nuruhulu bil kalb.... ...... "

U illum niżżu-ħajr ll'Alla li chien giena id-dehen naktgħu hecc il ġlieda li chienet sejjra tkum bejn *Fra*.... ( il chittieb tagħna, li chien gibed ŭidnejn il Cumitat tad-*Dante Alighieri* ta Malta, mita komsot għall'ittra ta Monsinjur Vigarju, fejn l'Arci-Iskof tagħna chien ŭiddeb li *aħjar min hu nisrani tajjeb ma jibkax imsieħeb f'dic ix-xirca*) u bejn is-Sur Manŭel Borġ, P.P., li, bħala imsieħeb fid-*Dante Alighieri* ta Malta, ried jakbeż għaliha !

Aħna nafu li is-Sur Borġ ma chienx miexi b'fini ħażin: mhux biss għax ngħarfuħ b'Cattolicu mill'aħjar, bħalma huma ucoll qŭasi l'Imsieħbin collha tad-*Dante Alighieri* ta Malta; imma ŭisk actar għax, sa dac iżżmien,ftit chienu għadhom xammeŭ il għaŭġ li hemm moħbi għalina f'dic ix-Xirca.

Iżda, f'ħajjet Alla, fost il ftit li chienu xammeŭ x'gej dehret kuddiem nett l'*Aŭtorità Ecclesiastica,* li illum cull-ħadd kiegħed ifaħħarha !

F'*Cungress* li sar daŭn il ġranet fil belt ta Pallanza,fejn ingemgħu il Cumitati tad-*Dante Alighieri* li jinsabu mxerrdin mal Italja u mad-dinja collha,il Marchis Colocci, letterat u pulitcu cbir li jarfa' dejjem ħsiebna u iħobb jitchellem ħafna fukna, l'actar f'dac li imiss il *lingŭa taljana,* għamel *Taħdita tŭila,* chif kâl hu, fl'isem tal Avucat Nericu Mizzi, President tad-*Dante Alighieri* ta Malta, li ma satax imur għall Cungress; u, imbagħd, raġa tchellem ŭarajħ il Professur Comm. G. B. Siragusa, minn Paliermu, li daħal fil qŭistjoni ta chif għandu icun mgħallem it-Taljan haŭn Malta. It-tnejn għaffġuha bl'icraħ, għax mhux biss daħlu fil pulitca ta bejn l'Italja u l'Inghilterra, mhux biss tafgħu *botti insolenti* lill *Gvern* u lill'*Aŭtorità Ecclesiastica* tagħna, imma kiegħdu f'moħħ u f'ħalk il Maltin ħsiebijet u cliem li f'daŭn il Gżejjer chif iduru inkas l'imgienen ma joħolmu bihom ! Li aħna nħobbu il *lingŭa taljana,* u irridu nżommuha b'lingŭa tal educazzjoni tagħna, u nagħmlu chemm nifilħu biex il Gvern ma jibkax iħarbathielna, dan hu veru, mit darba veru: imma dan u xejn actar hu veru minn dac collu li kalu !

Li stess Taljani ta haŭn Malta, immexxijin bil għakal mill'akŭa ta fosthom u imxierchin mal Conslu taħħom, ragel ħabriechi li jilħaklu bil bosta, dâru għad-*Dante Alighieri* bi PROTESTA li bagħtu lill President tal fergħa ta Malta u xandruha f'li stess ħin fil *Gazzetta di Malta*....

Il Cumitat tad-*Dante Alighieri* ta Malta (u issa smajna li l'*Imsieħbin semplici* ma chienu jafu b' xejn ) ma chellux il jedd igħid lill Marchis Colocci li jitcheliem hecc fuk il Maltin; u aħna ucoll, bħat-Taljani ta Malta, *nipprotestaŭ irŭieħna*: nipprotestaŭ irŭieħna fl'isem tal Maltin collha, li ureŭ biż-żejjed chemm tfanstu b'dac il għamil ħażin; u, f'li stess ħin, natu kima ta *sudditi fidili* lill Bandiera Ingliża, li gibna minn jeddna tbatti fukna u ħadd għadu ma ħolom li jitkankal minn taħtha. Aħnn nħobbu dic il Bandiera, chif tŭissina il Cnisja Cattolica, Ommna. U issa il boloħ kiegħdin jintebħu chemm jaraŭ tajjeb u chemm jinfdu il klub għajnejn il Cbarat tal Cnisja!...

U dan għad m hux collox, għax issa, la inchixfu il għaŭar, min jaf x'għad jinkala'!

Għandniex, mela, ragjun nifirħu li chien giena dac id-dehen kabel ma bida jitkankal dan il ħama collu?....

U tafu min tahulna dac id-dehen? Tahulna l'imsemmi *Corriere di Sicilia* tal 31 ta lulju li għadda, fejn, ŭara li igib fit-tûl chif Adrjanu Lemmi, Andrea Ceccarelli u M. Rinaldini, tliet Mażuni taljani mil cbar nett, ifissru is-*Segriet tal Mażunerija* lil sħabhom, jissocta igħid hecc (inħalluħ bit-Taljan, contra iddraŭŭa tagħna, biex inkas narfgħu il pîs tat-traduzzjoni): –

" Senza segreto come potrebbero funzionare quelle associazioni....mascherate che, sotto le parvenze della *neutralità* e, talvolta, della ...benevolenza in fatto di religione, sono invece dirette succursali delle loggie, quali, ad esempio, i famosi e recentissimi *Boy Scouts* (PROTESTANTI) ? Come operare la cosiddetta *cattura massonica* e trasformare in società affigliate e dipendenti dalle associazioni apparentemente libere ed autonome? Ricordare i casi della *Dante Alighieri* e la sconcia turlupinatura della *Corda Fratres,* affidata ai fratelli Erminio Troillo, Paolo Orano, Gino Bandini ed Arrigo Rezzini ?» (*)

## Ma dûarna.

Sinjura mil Calcara bagħtet titlobna nħabbru li, bil għajnuna tal Appostlu San Ġuda Taddeŭ, kalgħet grazzja cbira minn għand Alla; u aħna nakduha bil kalb collha, ferħanin li dac il ftit xogħol li għamilna, biex klibna bil Malti fil *Habib* dic it-Talba għażiża lill Cbir Appostlu ta Gesù Cristu, bida jati il frott tiegħu.—San Ġuda Taddeŭ, barra li, bħala Kaddis, hu ŭieħed mil cbar nett, ŭieħed mit-tnax il pilastru li Cristu bina fukhom il Cnisja tiegħu; bħala bniedem, chien jigi ulied l'aħŭa ma Gesù, jigifieri demm ŭieħed miegħu; u chien tant jixbħu, li xi drabi in-nies ma għarfuhomx minn xulxin ! Fuk collox, imbgħad, billi l'insara, imgherrxin mil chiefrija ta Ġuda *it-traditur,* donnhom stmerreŭ lilu ucoll imħabba li hu jismu bħalu, naħsbu li Alla l'imbierec iridna inpatulu bil kima tagħna u b'fidi cbira fis-setgħa tiegħu.—Mela, ħadna gost tas-seŭ, chif għidna issa, li dac il ftit li għamilna biex inkanklu id-devozzjoni tiegħu fost il Karrejja tal *Habib* bida jati xi frott.

Issa is-Sinjura tal Calcara, li aħna nafu chemm hi mara seŭŭa, chitbitilna: "Sur Direttur, jecc jogħġboc iffavurini ftit tal ŭisa fl'imfaħħar ġurnal tiegħec il *Habib,* li jen ucoll associata fiħ, biex tippublicali din il grazzja li jena klajt bl'intercessjoni ta San Ġuda Taddeŭ. Jena cont ninsab.......... ........ ...... .......... u malli għamilt novena lilu il grazzja klajtha, actar milli cont nixtiek. Issa jena *sejjra incompli il Ŭegħda li għamilt*: imma ISMI GĦASSODISFAZZJON TIEGĦEC BISS.— Fit-8 ta Settembru, 1913, .............»

Għaliex *isimha għas-sodisfazzjon tagħna biss ?*...Għaliex daħlet din il għada li, fi ħŭejjeġ xierka, cull-ħadd irid jinħeba ? Xejn ma ilu li għamlilna li stess ħaġa Sinjur mill'iżjed educati u irrispettati !.. Il ħżiena— jigifieri daŭc li huma għandhom il ħila jagħmluha— jistgħu igħidu li daŭn il grazzi ta nies moħbija kiegħdin nakalgħuhom aħna minn żniedna; u it-tajjbin, mil banda l'oħra, jitkanklu actar mita icunu jafu chif u lil min saret il grazzja. Mela, fi ftit cliem, aħna ma bi ħsiebniex inxandru grazzi iżjed, ħlief mita dac li jictbilna jatina is-sensja li nħabbru ismu. U niftehmu darba għal dejjem. Is-Sinjura Attard ta li Msida ma beżgħetx tidher: u hecc għandu icun, għax min fil ħŭejjeġ t'Alla jibża minn ilsien in-nies m'hux nisrani tajjeb.

—Bosta geŭ ifaħħrulna it-*Taħdita* li għamel il Marchis Ramiru Barbru, nhar il Vittorja, fil festa li saret għat-*Tifchira tar-Rebħa tat-8 ta Settembru,* geŭŭa it-Teatru tas-Sliema; u, għad li aħna ma chellniex ix-xorti nisimgħuħ, għax ma stajniex immorru, nifirħulu b'kalbna collha. Chemm nixtieku li dic it-*Taħdita* tigi stampata ! U kalulna li fejn mess l'Imblocc tal 1798 chien hemm bżonn għaliħ ittri tad-deheb, biex icun stampat chif jixraklu ! X'dubju hemm ? Aħna nafu il Professur Barbru ŭisk mil krib, lilu nżommu b'Sur-Mast tagħna fil ftit Taljan u Storja ta Malta li nafu; u xejn ma nistagħgħbu bit-tifħir li faħħrulna it-Taħdita tiegħu. Biż-żejjed sa haŭn, għal issa: imma narġgħu nitchellmu fuk *ceriu tast* ta dic it-*Taħdita,* għax, chif kalulna, jakbel ŭisk mat-*tast tagħna* !

(*) Jecc l'Imsieħbin tagħna icunu iridu it-traduzzjoni, natuhielhom darb'oħra: iżda min għandu bżonn jakraha jifhimha tajjeb chif in hi.

## Minn gimgħa għal oħra.

*3 ta Settembru*: Il Maltin, li hemm *Winnipeg*(Canada),fis-16 ta ċan(illum) għandhom jintekgħu fit-8.30 ta filgħaxija f'*St. Mary's Hall* għat-Tifchira tat-8 ta Settembru. Sa minn xahar ilu ħarġet *Circulari* biex tistieden u tħeġġeġ chemm Maltin hemm daŭc l'inħaŭi biex imorru. Daŭc li kanklu di 'l lakgħa ħakkhom tasseŭ min 'ifaħħarhom, għax juru li jgħożżu art tŭielidhom u għandhom kalbhom mixgħula bl'imħabba tagħha.

*4 ta Settembru*: Il *Warrior* telket għal haŭn biex tidħol il bacin.

—Arġa' ! Il belt, xebba ta 19 il sena, li chellha xi tgħid sħiħ magħ ħuha, xorbot il velenu. B'inchejja fina li ngibu ġrajja bħal din. Ma nafux x'nakbdu ngħidu u nictbu iżjed, u nħossu għokla f'kalbna meta niftacru li f'ankas minn xahrejn tliet xebbiet għamlu biex ineħħu ħajjithom. Imma mux coll deni ħudu b'deni; forsi fl'aħħar l'ommijet jifthu għajnejhom u ikisuha mit darba kabel ma ikegħdu x'imchien lil uliedhom xebbiet. Jecc jibżgħulhom għal gieħhom ma idaħħluhomx addoċċ (nafu biż-żejjed x'aħna

nigħdu) u ibegħduhom mnejn dac jista' jigi mtabba u mcasbar. Hecc jagħmlu l'ommijet insara, u tal għakal, li iħobbu lil uliedhom actar mil flus li jistgħu jakalgħulhom. Darba ŭaħda omm kaltilna: "Aħjar nitmagħhom biċċa ħobż seŭda lix-xebbiet tiegħi milli nibagħthom sefturi." Din katgħet fil laħam il ħajj, actar milli imissha, imma li omm titchixxef kabel hu dmir tagħha.

*5 ta Settembru*: Ilbieraħ saret il lakgħa tan-Negozjanti tax-xatt fil Maħżen tas-sur J. Arrigo. Ngabru ħafna u magħhom chien hemm ucoll is-sur A. Muscat tal *Malta Herald* u is-sur Dr. G. Mizzi tal *Gazzetta di Malta*. Għakkdu Cumitat u ħadu President lis-sur P. Nicosia, Segretarju lis-sur J. Tayar u Tesorier lil Cap. A. Arrigo, li rħeŭlu f'idejh il flus tas-*Sottoscrizzjoni*, li niżżlu fiha 150 negozjant; b'collox £250. Għandna pjacir li il biċċa ma rakdetx. Daŭc il 250 familja, li jonksilhom il ħobż, jecc tgħaddi tal Agenti, ma jistgħux imorru minn kuddiem għajnejna. Dan jonkos ucoll mgħal għacs li ŭaka' fuk pajjiżna!

—Faħħru ŭisk il bieb tal bronż, ħaġa ġdida għal Malta, li sar għal Cnisja tan-Naxxar. Id-disinn u ix-xogħol huma tal imgħallem Piju Cellini minn Ruma u kiegħed il Ħamrun, dac stess li ħadem il Bażilica tal Carmnu u'l bronżijet tal Cappelli ta San Michiel fil Colleggjata ta San Paŭl u tas-Sagrament fil Bażilica ta San Dumincu. Ismu hu biż-żejjed biex għandec tistenna xi ħaġa tasseŭ sabiħa, *classica*. Din l'opra, li chienet tixrak ħafna ŭara il faċċata ġdida tal Cnisja, saret bi flus Mons. L. Zammit, Canoncu tal Catidral, u ta ħuh is-sur Nin, li ureŭ b'hecc chemm iħobbu lil pajjiżhom. Isimhom, għad li huma ma għamluhx għalhecc, jibka' msemmi u mbierec mil ŭarrani, u Alla iħallashom talli *ħabbeŭ iż-żina tad-Dar tiegħu u ta fejn jgħammar hu.*

—Nifirħu lill Canoncu Dun Anton Pace, li laħak Decan tal Colleggjata tal Birgu.

—Fix-xahar ta Aŭŭissu tŭieldu Malta 389, (195 subien, 194 bniet); u mietu 417 (215 rgiel u 202 nisa). Għaŭdex tŭieldu 44 u mietu 41.

*6 ta Settembru*: Issemmiet il mazza tal fidda, li iżżanżnet di's-sena l'Isla għal festa tal Vitorja. Fil kuċċata fiha statŭa żgħira tal *Bambina*, u actar l'isfel iduru magħha erba' statŭi oħra żgħar, li jippresentaŭ Gjuditta, Esther, Abigaille u Debora, l'erba' nisa msemmija fit-Testment il Kadim, li Alla l'imbierec chien kajjem u mela bil kaŭŭa tat-driegħ tiegħu biex irażżan bihom l'għedeŭŭa tal poplu maħtur tiegħu, il Lhud, u b'hecc icunu ix-xbiha ta Dic, li fil Genna tal art, ŭara id-dnub Hu kata' u ŭiegħed lil Adam u lil Eva li għandha fil milja taż-żmien tisħak ras il għadu.

Magħ dŭarha il mazza fiha l'armi tal Gran Mastru La Sengle, li bena il belt u'l Cnisja; tal Papa Piju V, li għamel il Canonci; tal Papa il ħajj, li tahom li jistgħu igibu il mazza; u tal Iskof, li ħabirchilhom biex jakalgħuha. Id-disinn tal mazza għamlu is-Sur Michiel De Giovanni, żagħżugħ imżejjen biddehen u ħabriechi għall'aħħar, u'x-xogħol li giè iccommissjonat mis-Sinjuri Busuttil ta Strada San Paolo tal belt, sar barra u rnexxa ħafna, chif kalu.

—Jingħad li sar Cumitat biex titŭakkaf Socjetà maltija ta vapuri. Tgħid għadx nistenbħu minn ngħas li għandna fukna u nibdeŭ nimxu fuk pajjiżi oħra, u ma nħallux iżjed flusna midfunin fil banchijet jitħaxxen ħaddieħor bihom, imma nħaddmuhom aħna ħalli magħ min għandu l'imrecchen igħix ucoll il fkir? Issa hu il ŭakt li issir di's-Socjetà, kabel ma jiġu il barranin jieħdulna ħobżna, chif gà bdeŭ. Dnub cbir għal min jista' igħin bil flus li Alla bagħtlu u ma jagħmlux fiddŭejjak li jinsab fihom il pajjiż. Id dinja dejjem miexja actar il kuddiem, u aħna nibkgħu b'idejna fuk żakkna nistenneŭ il bajtra taka' f'ħalkna?

—Is-sena li gejja għandu isir Ruma esami għal daŭc li jixtieku jgħaddu il kuddiem fis-snajja tal *Architettura*, *Pittura* u *Scultura*. Lil daŭc li jgħaddu minnu ituhom £200 fis-sena, biex jistgħu icomplu jistudjaŭ Ruma. Il maltin bħala sudditi inglisi jistgħu jicconcorru huma ucoll. Min irid jaħtieġlu jagħmel id-dimanda kabel il ħamsa u għoxrin ta Jannar li gejj, u min jixtiek jaf xi ħaġ'oħra jistaksi l'Ufficcju tal Istruzzioni Pubblica.

*8 ta Settembru*: Il festi Costantinjani bdeŭ ilbieraħ. Ŭara nofs in-nhar sar Pellegrinaġġ mil belt għal Furjana, u jaktgħu li chienu mgħal 14 il elf li ħadu sehem fih. Ŭakfu il Cnisja ta San Pubblju, fejn ŭara priedca mil isbaħ li għamel il Can. Orazio Arpa, intagħtat il benedizzjoni bis-Sagrament, u mbagħad issocctaŭ għal Cnisja tal Cabuccini, fejn raġa għamel priedca oħra Dun Ġusepp Francalanza, dac li tant ħabrec għal daŭc 'l festi, fl'aħħar tcanta innu bittfal lis-Salib imkaddes, li kankal kalb daŭc li chienu jisimgħu. Meta reġgħu l'ura il Cnisja ta Giesu, il Gŭardjan ta' il Barca Papali.

—Jingħad li il Gvern chien l'eŭŭel uieħed li laka' lil Agenti tal vapuri u kallhom li hu m'hux bi ħsiebu jokgħod għalli ftehmu bejniethom. Minn dan jidher li għandhom jargħu l'ura minn dac li katgħu.

*9 ta Settembru*: Għodu għodu sabu mgħarrak suldat. Igħidu li mar igħum mingħajr ma chien jaf. Seŭŭa igħidu li il baħar żakku ratba u rasu jiebsa. Fix-xitŭa jieħodha mgħal kalbenin u fis-sajf mgħal presuntusi u dejjem jirbaħ hu.

Il Habbàr.

## Ma dûar id-dinja.

*Ruma*—It-telegrammi tal gimgħa li għaddiet għarrfuna li il Papa chien ħassu dakxejn ħażin u li it-tobba ŭiddbuħ li ma jilkax nies u li jokgħod mistrieħ: bil ferħ nistgħu ngħidu li il Papa hu tajjeb seŭŭa u cull jum jilka' mijet ta pellegrini, li inġabru Ruma għall festi centenari tad-dehra tas-Salib lill Costantinu.

—Miet ŭara operazioni tal appendicite il Cardinal Vives y Tuto, tal Ordni tal Cabuccini: chien Prefett tal Congregazioni tar-Religjusi: chien mitŭieled Spanja u chellu 59 sena.

—Il gimgħa li għaddiet chien hemm Ruma concors internazzjonali tal ġoventù tal ginnastica. Fosthom chien hemma ħames t'elef cattolici minn diversi pajjiżi—daŭna riedu juru li huma ta bil-ħakk insara cattolici, għaldakstant fil ħinijet liberi chienu iżuru il Cnejjes patriarcali u il bażilchi, u jagħmlu iż-żjajjar tal Ġubleŭ: riedu fuk collox jagħmlu att ta kima lill Papa, billi flimchien miġbura imorru jagħmlulu żjara fil Vatican. Huma gà chellhom il permess mil Pulizija, għalchemm b'ħafna tiġbid. Iżda hu tabilħakk li u la il Papa u la il Cattolici ma huma liberi f Ruma! Il għedeŭŭa ghemgmu u heddu, u il Pulizija irtirat il permess li il ginnastici cattolici mgħakkdin f' San Ġŭann Lateranu imorru il Vatican. Għaldakstant ŭara li inġabru f'San Ġŭann u semgħu il Kuddiesa, il Pulizija xerrdithom u mexxiethom minn bosta torok imŭarrba għall Vatican. Il Pjazza ta San Ġŭann fuk collox, u ittriekat chienu mimlija bis-suldati, ankas li chienu sejjrin ikajmu x'irvell. L'imsejcna u maħbuba cattolici minn cull fejn għaddeŭ geŭ imcasbrin u insultati u mhux darba chellhom jiġu fl'idejn mal għedeŭŭa; u il Pulizija li chienet ma dŭar il cattolici imcasbra, giebet ruħha bil ħleŭŭa mal oħrajn u għalket actar minn darba għajnejha. Sa fl'aħħar bix-xorti chellhom ktajja ktajja jaslu il Vatican, fejn inġabru fil bitħa ta San Damasu, imdaŭŭrin minn 2500 ruħ, actarx krabathom. F'nofs in-nhar, il Papa, imdaŭŭar min-Nobbli Cbarat tiegħu, deher fil Loġġa. — Ŭakgħet ħemda cbira u il gendarmi tal Papa dakkeŭ l'Innu Pontificju—ŭara applaŭs bil kalb li heżżeż il ħitan, il Papa rafa' idejh lejn is-Sema u b'leħen micsur xerred fuk cullħadd il barca tiegħu. Mal aħħar chelma dakkeŭ it-trombi u it-tnabar; u sar għajjàt ta *evviva*, u taħbit tal idejn u tixjir ta imcatar li chiser kalb cull-ħadd, u daŭc l'insara, f'dac il mument, inseŭ cull ma chienu ġarrbu kabel.

*Balcani*— Collox ħiemed: għadhom icomplu il lakgħat tad-delegati fuk il ftiehim tal kasma tal bliet. Hemm biża ta xi taħŭid fuk il gżejjer tal Egeo: u l'actar fuk Rodi, li l'Italja ma tridx terħi minn taħt idejha. F'Adrjanopoli, chien hemm taktigħa bejn żeŭġ partiti tat-Toroc—bosta fizzjali bakgħu mejjtin u jintgħad li il General Enver Bey baka' ferut f'idejh.

*Disgrazzja*— Areoplan tal marina tedesca għerek f'tempesta, tmintax il mil bgħid minn Heligoland. It-turpedinieri ġreŭ biex jatuħ għajnuna u irnexxielhom isalvaŭ sebgħa min-nies—iżda għerku tlittax.

—Areoplan ieħor (Zeppelin V) tedesc, ŭara il manuvri, imħabba riħ kaŭŭi, ma sataxjidħol fil ħandak tiegħu, għalchemm miġbud minn 1500 ruħ, u chien jitchisser chiecu bil ħeffa ma ħaddmux il mutur sabiex jogħla mil ġdid. F'dan il ŭakt erba' suldati ma chienux pronti iħollu il gumna u geŭ mgħollija miegħu—ŭieħed kabeż, ieħor gibduħ geŭŭa fiħ, u tnejn ŭakgħu minn 450 pied u bakgħu mejjtin.

—Areoplan ieħor militari, tedesc ucoll, fil ŭakt tal manuvri ŭaka' f'Buhenbouren u katel erbgħa min-nies.

L.M.C.G.

## Minn haûn u minn hinn.

I. L'Inghilterra sâr Cungress cbir ta Tobba mid-dinja collha.

II. Fil Bosnija hemm il Côlera.

III. Statistica ta li Stati Uniti, America, tgħid li hemm sbatax il miljun m'humiex miżżeŭŭġa; u tgħid li daŭn huma nies tal vizzju, mingħajr curaġġ li jiżżeŭŭġu, u igħixu bħala bniedmin tad-dinja.

IV. Fi Doujek, Canada, ŭara eżami tal Geoġolista Dr. Cairnes, sâbu minieri tad-deheb.

V. Il gvernatur ġdid ta Gibilterra hu it-Tenent General Sir Herbert Miles.

VI. Fis-sena 1916, sejjer isir logħob tal ginnastica l'iżjed olimpicu f'Berlin. L'Ingliżi kiegħdin jaħsbu u jiġbru flus bis-sħiħ. A.A.

### FRAC TAD-DEHEB.

Il ħidma iggib il flus u id-dehen jindocrahom.

Mil Lucerna tal Ħajja. — 73. Gesù ma jitgħaxxakx ħlief b'daŭc il klub li huma miftumin għal-collox minn din l'art.

### MOGHDIJA TAŻ-ŻMIEN.

MISTOKSIJA.

Min, għid, fis-sajf, fix-xitŭa,
bi nhar, bil lejl, cull ħin,
mal belt idur u lilha
jindocra mil ħajnin?....

S. S.

L'aħħar *Xarada* chienet:

*Mazza-Morra*— Mazzamorra.

Taŭ tifsira tajjba: mil Belt, ir-Rev. G. G., is-Sinjura Caterina Borġ u is-Sinjuri P. P. Borġ, C. Grixti u Manŭeli Mizzi.